MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Mandat Numru. 1052/2014/1

L-Avukat Anthony **GALEA** bħala mandatarju speċjali ta' *Lengers Yachts BV* kumpannija reġistrata fl-Olanda bin-numru tar-reġistrazzjoni 30189780

vs

Adrian **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent fil-kwalita' tiegħu premessa talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimat milli "jawtorizża jew altrimenti jirreġistra kwalsijasi bejgħ, ċessjoni jew trasferiment ieħor" f'għadd ta' kumpanniji, u jiġifieri (a) fil-kumpannija Imora Holdings Limited (C – 50844), (b) Imora Investments Limited (C – 61287); (ċ) Ter-Nova Holdings Limited (C – 44792) u (d) Ter-Nova Company Limited (C – 19274) u kif ukoll milli "jbigħ, jassenja, jittrasferixxi jew bi kwalsijasi mod ieħor jiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruż jew gratuwitu" mill-ġid immobbli li sejjer jissemma, u jiġifieri (i) il-villa numru ħdax (11) fi Triq l-Irdum, kantuniera ma' Triq San Franġisk t'Assisi, fil-Madliena; (ii) il-*penthouse* numru ħdax (11), Blokk "A", li tinsab f'"*Olive Court*", Triq it-Trill, kantuniera ma' Triq il-Baħħara, Qawra; (iii) il-*penthouse* numru ħdax (11), Blokk "Ċ", li tinsab f'"*Olive Grove*", Triq it-Trill, kantuniera ma' Triq il-Baħħara, Qawra; u (iv) sit ta' kostruzzjoni konsistenti f'numru ta' *basement garages, groundfloor commercial and three(3) overlying* apartments, fi Triq Santu Rokku, Żebbuġ, liema sit qabel kien okkupat mill-fond bl-isem ta' "*Orchidea*", Triq Santu Rokku, Żebbuġ, Malta, u dan b'ħarsien ta' pretensjoni għal danni li tgħid li ġarrbet minħabba ksur ta' ftehim li l-intimat kellu magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Lulju, 2014, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikoli 874 u 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-intimat u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-23 ta' Lulju, 2014, li biha laqa' għat-talba billi, b'mod preliminari, qal li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tiswiex għaliex saret bi ksur tal-artikoli 831(1)(b) u 832 tal-Kapitolu 12

tal-Liġijiet ta' Malta ladarba ma tissemma l-ebda somma li tgħid x'inhu l-ammont tat-talba li rrikorrent irid iħares bil-ħruġ tal-Mandat; u wkoll għaliex ir-rikorrenti ma nqediex bil-formola x-xierqa biex ressaq il-pretensjonijiet tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat taħt l-artikolu 874 tal-istess Kodiċi. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub, u wkoll għaliex il-ftehim li bis-saħħa tiegħu talab il-ħruġ tal-istess Mandat ma jiswiex;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2014, f'liema data ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent *nomine* jrid iżomm lill-intimat milli b'xi mod jittrasferixxi u jew b'xi mod jirreġistra bejgħ jew ċessjoni ta' ishma f'xi kumpanniji, u kif ukoll milli jittrasferixxi jew jgħabbi bi djun jew kirjiet xi ġid immobbli li jinsabu lkoll reġistrati taħt ismu. Din it-talba qiegħda ssir b'ħarsien tal-pretensjonijiet li r-rikorrent *nomine* ressaq kontra l-intimat f'kawża li għadha trid tibda tinstema'[1];

Tqis li l-kawża hija waħda ta' allegat ksur ta' ftehim u danni mġarrba[2]. Ir-rikorrent *nomine* jistrieħ fuq ftehim (bla data) ta' bejgħ u permuta ta' bastiment[3];

---

[1] Rik. Nru. 623/14SM imqiegħda għall-ewwel smigħ għat-23.10.2014
[2] Ara Dok "AA1", f'paġġ. 59 – 65 tal-atti
[3] Dokti "LY6" u "LY7", f'paġġ. 27 – 36 tal-atti

Tqis li l-intimat jiċħad il-ksur tal-ftehim u saħansitra jqajjem il-kwestjoni tas-siwi tal-ftehim li jsejjes il-pretensjonijiet tar-rikorrent *nomine*;

Tqis li l-Mandat li r-rikorrent *nomine* qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu llum huwa wieħed "ġenerali" maħsub taħt l-artikolu 873 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ma tressaqx taħt l-artikolu 874, kif jista' wieħed jaħseb li seta' jsir, sewwasew għaliex ir-rikorrent għażel li ma jinqediex bil-formola ta' Mandat bħal dak, iżda bil-formola tal-Mandat "ġenerali";

Tqis, għalhekk, li ladarba r-rikorrent *nomine* għażel li jressaq it-talba tiegħu taħt is-sura tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali", huwa jrid iwettaq il-ġustifikazzjoni tat-talba tiegħu skond l-għażla li għamel u ma jistax jistrieħ biss fuq il-fatt limitativ tal-eżistenza tal-pretensjonijiet tiegħu li huwa għandu kontra l-intimat fil-kawża li nfetħet, kif huwa biżżejjed li jsir f'każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-istess Kodiċi;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[4];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

[4] Art. 873(1) tal-Kap 12
[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, dwar l-**eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' siwi tar-rikors**, din tinbena fuq żewġ argumenti: l-ewwel wieħed hu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma ssemmi l-ebda somma li dwarha r-rikorrent *nomine* jrid jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu; it-tieni waħda hi li r-rikorrent *nomine* nqeda bil-formola l-ħażina biex iressaq it-talba tiegħu;

Tqis li, b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar

[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[8]. F'dan il-każ, l-eċċezzjoni tirreferi sewwasew għal nuqqas radikali li jolqot l-eżistenza ta' parti fil-proċedura u liema nuqqas jidher sewwa mill-atti, u dan għaliex il-Mandat mitlub jimmira li jżomm sewwasew lill-istess parti intimata milli twettaq xi ħaġa li l-parti rikorrenti trid iżżommha milli twettaq;

Tqis li l-imsemmija eċċezzjoni tirrigwarda s-siwi formali tal-att ġudizzjarju mressaq. Biex att ġudizzjarju jkun bla siwi jew irritu, irid jintwera li tkun tgħodd xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ tal-lum, iż-żewġ argumenti msemmija mill-intimat jinbnew fuq l-artikolu 789(1)(a) u 789(1)(ċ) tal-Kap 12 rispettivament. Il-Qorti sejra tqishom waħda waħda u tibda minn dan tal-aħħar;

Tqis li t-tieni raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat dwar is-siwi tar-rikors tar-rikorrent *nomine* hija li hu naqas li jinqeda bil-formola x-xierqa biex iressaq it-talba tiegħu[9]. Huwa jgħid li r-rikorrent *nomine* messu nqeda bil-Formola numru 25 li tagħmel mill-Iskeda B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u mhux bil-Formola 21 kif fil-fatt għamel;

Tqis li l-fatt waħdu li r-rikorrent *nomine* għoġbu jagħżel li jinqeda bil-formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali" minflok dik partikolari ma twassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-att. Ta' min jisħaq li l-formola taħt l-artikolu 874 hija biss waħda minn suriet partikolari maħsuba mil-liġi fl-għamla tal-Mandat ta' Inibizzjoni, iżda ma hemm imkien li kreditur ma jistax jinqeda bil-Formola "ġenerali" tal-Mandat biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu. Kif ingħad qabel, ladarba r-rikorrent ikun għażel li jinqeda bil-Formola "ġenerali", jkun tefa' fuqu l-piż li jissoddisfa l-elementi kollha meħtieġa biex jikseb il-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, ħaġa li ma

[8] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[9] Art. 1007(1) tal-Kap 12

jkollux għalfejn jagħmel li kieku jkun għażel li jinqeda bil-Formola taħt l-artikolu 874. Minbarra dan, l-intimat naqas li juri xi ħsara ġarrab bil-fatt li r-rikorrent *nomine* nqeda b'formola minflok b'oħra[10], ladarba dawn it-tnejn jirrigwardaw l-istess Mandat. Kien ikun, forsi, argument ieħor li kieku r-rikorrent ried joħroġ Mandat kawtelatorju ieħor u jinqeda bil-Formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni: iżda hawnhekk ma ġarax hekk;

Tqis għalhekk, li din l-eċċezzjoni ma tistax titqies bħala tajba safejn mibnija fuq l-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12;

Tqis li l-ewwel raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat hija li r-rikorrent *nomine* naqas għal kollox milli jindika mqar b'mod vag x'inhi s-somma jew l-ammont li huwa jrid jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. L-intimat isejjes din l-eċċezzjoni fuq dak li jipprovdi l-artikolu 831(1)(b) u 832 tal-Kap 12, marbuta mal-artikolu 789(1)(a) tal-istess Kodiċi;

Tqis li huwa tabilħaqq minnu li r-rikorrent *nomine* fl-ebda parti mir-rikors tiegħu ma jsemmi xi somma li huwa jrid iħares bit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub. Tqabbil tar-rikors li bih ressaq din il-proċedura mal-kontenut tar-Rikors Maħluf minnu mressaq kontra l-intimat meta fetaħ il-kawża kontestwalment mat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' dan il-Mandat juri li ż-żewġ atti jinqdew bl-istess raġunijiet kelma b'kelma;

Tqis li huwa minnu li, fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, normalment ma tidħolx kwestjoni ta' tismija ta' ammonti u valuri, l-aktar fejn il-jedd li l-parti rikorrenti tkun qiegħda tikkawtela jkun xi jedd li ma jissarrafx fi flus (kemm hu hekk, jingħad li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tiġi nieqsa jekk kemm-il darba l-jedd li r-rikorrent ikun irid iħares jista' jingħata rimedju dwaru b'azzjoni għad-danni). Iżda f'dan il-każ, ir-rikorrent *nomine* fetaħ sewwasew kawża għad-danni kontra l-intimat u lanqas ma qiegħed jitlob it-twettiq ta' xiħaġa, iżda biss id-dikjarazzjoni li

[10] Ara Art. 789(1)(ċ) tal-Kap 12

l-intimat naqas milli jwettaq dak li ntrabat bih fil-ftehim (liema ftehim huwa kontestat mill-intimat) u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni;

Tqis li għalhekk, għalkemm it-talba tar-rikorrent *nomine* hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rimedju minnu stess mitlub huwa rimedju ta' likwidazzjoni u ħlas ta' danni, jiġifieri somma li tikkostitwixxi "dejn jew talba li tista' tkun soddisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus". Ir-rikorrent *nomine* seħaq li l-ammont ta' dannu mġarrab mill-kostitwenti tiegħu għadu mhux likwidat u għalhekk ma kienx f'qagħda li jgħid x'inhu d-dannu mġarrab mill-kumpannija rikorrenti. Għall-Qorti, dan mhuwiex argument tajjeb. Ladarba r-rikorrent għażel il-forma tal-att ġudizjarju li għażel, irid joqgħod għal dak li tgħid il-liġi. Il-fatt ukoll li fetaħ il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux quddiem xi qorti jew tribunal ta' kompetenza anqas *ratione valoris*) turi wkoll li l-kumpannija tassew għandha f'moħħha x'ammont ta' dannu tgħid li ġarrbet minħabba mġiebet l-intimat;

Tqis għalhekk li n-nuqqas tar-rikorrent *nomine* li jsemmi l-valur tal-pretensjoni tiegħu hija nuqqas ewlieni li jolqot is-siwi tal-att ġudizzjarju li ressaq quddiem din il-Qorti. Minbarra dan, il-liġi tagħmilha ċara li nuqqas bħal dan iġib il-piena tan-nullita'. Dan l-artikolu huwa wieħed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza espressament u għalhekk hija waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li jgħodd għalihom l-artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12 li, għall-kuntrarju tas-sub-inċiż (ċ) tal-istess artikolu, ma fihx is-salvagwardja li l-parti intimata trid turi l-ħsara li ma tistax tissewwa li tkun ġarrbet minħabba dak in-nuqqas;

Tqis ukoll li n-nuqqas ta' tismija jew indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni min-naħa tar-rikorrent *nomine* twassal ukoll għal ħsara jew preġudizzju lill-intimat f'każ li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub kellha tintlaqa'. Dan jingħad għaliex, f'każ li t-talba kellha tintlaqa' kif inhi, se' jkun impossibbli għall-intimat li jħares il-jeddijiet tiegħu skond il-liġi bir-rimedju disponibbli ladarba ma hemm l-ebda indikazzjoni tas-somma kawtelata u

r-raġonevolezza tal-pretensjoni jew l-eżistenza ta' garanzija oħra għaliha[11];

Tqis għalhekk, li din l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u, għalkemm din il-Qorti żżomm li l-atti ġudizzjarji għandhom, safejn jista' jkun, ikunu mħarsa u salvati, din hija ċirkostanza fejn it-tħaddim xieraq tal-liġi jiddetta mod ieħor. Dan qiegħed jingħad ukoll bla ħsara għal kull rimedju ieħor xieraq li r-rikorrent *nomine* jista' jinqeda bih biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu dedotti fil-kawża;

Tqis għalhekk, li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi sabiex it-talba tar-rikorrent *nomine* tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** għall-ħruġ tal-Mandat minħabba nuqqas ta' siwi tal-att li bih saret it-talba, iżda bla ħsara għal kull rimedju ieħor xieraq li l-istess rikorrent jista' jinqeda bih skond il-liġi;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-11 ta' Lulju, 2014, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent *nomine* b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti jerfa' **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

[11] Ara, b'eżempju, l-art 836(1)(ċ)(d)(e) u (f) tal-Kap 12

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------